MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Mandat Numru. 1682/2014/1

**Rikors ghall-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 1682/2014/LSO fl-ismijiet:-**

**Leonarda Muscat (ID 0591737M) u Maria Farrugia (ID 0591737M)**

**vs**

**Lourdes Diacono (ID 0321457M), George Diacono (ID 082657M), Redeemer Diacono (ID 0329084M), Leonard Diacono (ID 0294091M),**

**L-Awtorità Għat-Trasport f'Malta u l-Kummissarju tal-Artijiet għal kull interess li jista' jkollu.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors prezentat mir-rikorrenti fl-24 ta' Ottubru 2014 fejn talbu li jinhareg mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati sabiex jinzammu milli "*jidħlu fil-bitħa ossija mogħdija privata f'Ħal Kirkop immarkata fuq l-annessa pjanti Dok.A u B, jagħmlu kwalsiasi tip ta' xogħlijiet fl-istess proprjetà, jiddemolixxu jew bi kwalsiasi mod jalteraw il-ħajt li preżentement jifred il-bitħa msemmija minn ma' Triq Nerik Xerri, Kirkop, jew jiftħu aperturi għal ġol-proprjetà msemmija, qabel ma tali bitħa ossija mogħdija privata ma tiġi esproprjata kif trid il-liġi*".

Ir-rikorrenti jsostnu li l-mandat hu mehtieg sabiex jigu kkawtelati l-jeddijiet proprjetarji u pussessorji taghhom.

Rat id-digriet tal-24 ta' Ottubru 2014 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghat-13 ta' Novembru 2014, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-Awtorita` Ghat-Trasport Malta datata 28 ta' Ottubru 2014 a fol 84 tal-process.

Rat ir-risposta tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet datata 31 ta' Ottubru 2014 a fol 98 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Novembru 2014 fejn billi kien ghad jonqos in-notifika tal-intimati Lourdes, Redeemer u Leonard Diacono, ir-rikors gie differit ghan-notifika tal-istess intimati ghat-2 ta' Dicembru 2013 fid-9.30 am.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-2 ta' Dicembru 2014 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru r-rikorrenti assistiti minn Dr. Gianfranco Gauci, Dr Joseph Camilleri u Dr Sonia Vancell ghal Transport Malta, kif rapprezentata minn Nicholas Baldacchino, Dr. Michaela Muscat ghall-Kummissarju tal-Artijiet, u Dr Maxilene Pace ghal Lourdes Diacono. Billi l-Qorti xtaqet tisma' t-trattazzjoni tal-partijiet; id-difensuri tal-partijiet jaqblu li l-bitha, ossia moghdija, immarkata fuq lil-pjanta annessa mar-rikors Dok “A” u “B” hija triq skemata. Il-Qorti halliet r-rikors ghat-trattazzjoni mid-difensuri tal-partijiet ghall-11 ta' Dicembru 2014 f' nofs inhar.

Ra il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Dicembru 2014 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru r-rikorrenti Leonard Muscat u Maria Farrugia assistiti minn Dr Gianfranco Gauci. Dehru l-intimati Lourdes Diacono u George Diacono assistiti minn Dr Maxilene Pace, deher ukoll Nicholas Baldacchino ghall-Awtorita` tat-Trasport f'Malta assistit minn Dr Joseph Camilleri u Dr Michaela Muscat ghall-Kummissarju tal-Artijiet. Xehdet bil-gurament taghha **Maria Farrugia**, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li l-intimati Diacono ottjenew il-permess ghall-bini mill-MEPA fil-mori ta' dawn il-proceduri. Saret it-trattazzjoni minn Dr Gianfranco Gauci, Dr Joseph Camilleri, Dr

Maxilene Pace, u Dr Michaela Muscat, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tar-rikors, u iddiferixxiet ir-rikors ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi permezz tar-rikors odjern ir-rikorrenti, li huma koproprjetari ta' bitha murija fuq pjanti annessi mar-rikors bhala **Dokumenti 'A'** u **'B'** qed jitolbu l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati Lourdes, George u Redeemer Diacono, l-Awtorita ghar-Trasport f'Malta u l-Kummissarju tal-Artijiet ghal kull interess li jista' jkollu. L-azzjoni li jridu jimpedixxu jikkonsistu f'kwalsiasi tip ta' xoghol fil-hajt li jifred il-bitha minn ma' Triq Nerik Xerri Hal Kirkop qabel ma ssir l-esproprijazzoni formali tal-istess bitha.

Ir-rikorrenti jippremettu li din il-bitha hija proprjeta` privata in komuni bejniethom u inzammet bhala access indiviz ghall-proprjetajiet taghhom. L-intimati Diacono, da parti taghhom, huma proprjetarji ta' fond li mill-hajt ta' wara tieghu jmiss mal-bitha. Madanakollu dan il-fond ma jgawdi minn ebda servitu ta' twieqi, passagg jew introspezzjoni fuq il-bitha in kwistjoni.

L-Intimat **TM** wiegeb billi oggezzjona ghat-talba stante li "*l-Awtorita' qeghdha biss taqdi l-obbligi legali taghha fl-interess pubbliku in generali*

*specjalment ta' dawk illi juzaw it-triq in kwistjoni*" u jinvokaw ukoll l-artikolu 873(3) tal-Kap.12 in kwantu li hija Awtorita' Pubblika.

L-Awtorita ppremettiet li l-bitha hija gja skemata u ffurmata bhala Triq (**TM3** u **TM4).** Jghidu li l-obbligi tal-Awtorita` huma elenkati fil-Ligi (**Kap 499)** u dawn jinkludu l-okkupazzjoni, pjanar, disinjar, bini, amministrazzjoni u manutenzjoni tat-toroq.[1] Madanakollu il-process ta' skemar bhal ma sar fil-kaz odjern, sar mill-MEPA u l-Awtorita' ghandha biss rwol konsultattiv billi mhuwiex il-kompitu taghha li tiddeciedi liema art kemm dik privata, kemm pubblika, tista' tittiehed biex jghaddu toroq minnha. Huma jiccitaw ukoll l-artikolu 12 tal-Avviz Legali 29 tal-2010, skont liema ebda bini li jista' jmiss ma' triq gdida f'post abitat ma jista' jinbeda qabel mat-triq tigi nvellata sewwa mal-linja kif moghtija mill-MEPA.

L-Awtorita tghid ukoll li fl-iffurmar ta' triq residenzjali bhal ma hu l-kaz ojdern, "*ma jsir ebda esproprju jew imqar talba ghall-esproprju min-naha tal-Awtorita"'.* Huma jiccitaw l-Avviz Legali imsemmi skont liema huma s-sidien tal-proprjeta` li tmiss mat-triq jew l-izviluppatur li ghandhom ir-responsabbilita' ghall-formazzjoni tat-triq u li huma obbligati li jikkompensaw lis-sidien.

L-intimat **Kummissarju tal-Artijiet** oppona ghat-talba fil-konfront tieghu billi mhuwiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri. Il-Qorti rat ir-risposta tieghu u tqies li gjaldarba c-cens gie mifdi u ma hemmx proceduri ta' esproprjazzjoni pendenti, l-istess eccezzjoni hija fondata u qed tigi milqugha. Ghaldaqstant ser tillibera lill-intimat Kummissarju tal-Artijiet mill-osservanza tal-gudizzju .

[1] Art 7 Kap 499.

**L-intimati** Lourdes, George u Redeemer Diacono wkoll opponew ghat-talba u sostnew li l-allegata bitha hija xejn hlief triq skemata, u li mad-dawra tal-bitha hemm diversi nies ohrajn li jirrisjedu (**DOK LD1)** u, inoltre, l-alterazzjoni u ftuh ta' aperturi fil-hajt mhumiex ser jippregiudikaw l-esproprjazzjoni tal-art. Huma jsostnu li l-elementi mehtiega ghall-hrug ta' mandat ta' Inbizzjoni huma nieqsa.

**Fatti tal-Kaz:**

L-intimati applikaw lill-MEPA ghall-permess biex iwaqqghu l-hajt li jifred il-fond mill-bitha privata reklamata mir-rikorrenti sabiex jibnu d-dar u garaxx bil-faccata fuq l-istess bitha u li minnha jkollhom access mit-triq Nerik Xerri Kirkop. Dan il-permess inhareg fil-mori ta' dawn il-proceduri izda l-Qorti tinnota li l-permessi jinhargu mill-MEPA minghajr pregiudizzju ghall-jeddijiet ta' terzi.

Madanakollu jirrizulta pacifiku bejn il-kontendenti, u anke ppruvat mid-dokumenti esebiti, li l-esproprjazzjoni tal-art ossia bitha ghadha ma saritx mill-Gvern ta' Malta (**Ara Dokti I** u **K** annessi mar-rikors) jew li gie mniedi processs ghat-tehid ta' art privata. Jirrizulta daqstant pacifiku li l-bitha hija gja skemata bhala triq mill-MEPA.[2] L-intimata Awtorita` ghat-Trasport f'Malta (hawn ‘il quddiem imsejha **TM)** kienet bdiet xoghlijiet ghall-asfaltar tal-bitha izda waqqfet ix-xoghlijiet fuq l-ordni provvizorju ta' din il-Qorti. Minnkejja li ghadha ma saritx l-esproprjazzjoni, ir-rikorrenti jallegaw li l-konjugi Diacono u binhom Redeemer ghamlu atti ta' pussess kif elenkati fir-rikors fuq l-istess bitha privata.

Ikkonsidrat li mhuwiex ikkontestat mill-intimati li r-rikorrenti huma s-sidien *pro indiviso* tal-bitha ossia moghdija in kwistjoni. Din hija l-proprjeta'

[2] Ara verbal kongunt iddikjarat fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2014.

privata taghhom u l-intimati m'ghandhom l-ebda jedd fir-rigward. Ir-rikorrenti esibew diversi dokumenti in sostenn tat-titlu taghhom inkluz digriet ta' approvazzjoni ta' att notarili ta' divizjoni moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili bi pjanti annessi u atti notarili ta' *datio in solutum*, divizjoni u bejgh (**Dokti C, D** ,**E** u **F).**

**Konsiderazzjoni ta' Dritt**

Premess li l-ghan ta’ talba ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista' tkun ta’ hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat.

Bil-ligi skont l-**artikolu 873** tal-Kap 12, jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta’ mandat bhal dak. Il-gurisprudenza hija kostanti fir-rigward u l-ewwel haga li jrid juri kreditur ezekutanti hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent tant li bin-nuqqas ta’ hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju;[3] it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu *prima facie* dawk il-jeddijiet.[4] Dawn iz-zewg elementi f'kaz tal-imsemmi artikolu legali, huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta’ mandat bhal dak; *inoltre* huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza

---

[3] Ara f'dan is-sens ***“Grech proprio et nomine vs Manfre***” – A.C. – Dec.14 ta’ Lulju 1988 – Vol. LXXII.ii.290; u “***40, Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar”*** (P.A. (RCP) - Dec. 2 ta’ Novembru 2010.

[4] Ara f'dan is-sens **"*Emmanuel Sammut -v- Josephine Sammut*** " P.A.(TM)-dec.5.06.2003.

interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

**Artikolu 873(3) tal-Kap.12**

Hemm imbaghad is-subinciz (3) li jaqra hekk: –

*"Il-qorti m'għandha toħrog ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorita` mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali tagħha kemm-il darba l-awtorita` jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħarigx il-mandat, il-pregudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaga li qed tintalab li tigi mizmuma*. "

Mela fejn, bhal fil-kaz tal-lum, mqar wiehed mill-intimati jkun l-Gvern, b'zieda ma` l-elementi li johorgu mis-subincizi (1) u (2), irid jitqies ukoll dak li jinghad fis-subinciz (3) u cioe` :- (a) li l-ħaga li parti titlob li tinzamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq; u (b) li l-pregudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għemil tal-ħaga li qed tintalab li

tigi migmuma.

Riferibbilment ghall-element tal-pregudizzju meqjus fil-kuntest tas-subinciz (3) ghandu jinghad illi wara l-emenda li giet fis-sehh f`Ottubru

2006, il-ligi ma baqghetx titkellem dwar pregudizzju "li ma jkunx jista' jigi rimedjat" bħala l-bazi biex tkun milqugha talba għall-ħrug tal-mandat kontra l-Gvern, imma bizzejjed li jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-ħrug tal-mandat li dak il-pregudizzju jkun sproporzjonat fis-sens illi jkun manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-ħaga titwettaq.

Kif diga` kellha okkazzjoni tghid qabel illum, din il-Qorti tirriafferma li l-procedura tal-lum hija maħsuba biex tkun waħda sommarja. Ghaliex mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti fi stadju bħal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawza dwar il-jedd. Il-fatt illi tintlaqa` talba għall-ħrug ta' l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment *o meno* tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista' jew m'ghandu jippretendi li mad-"daqqa t'ghajn" ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta' Inibizzjoni. Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali. Ghalhekk ma jistax jinhareg il-Mandat jekk il-ħsara lamentata mir-rikorrent tkun tista` tigi rimedjata mod iehor.

**Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, din il-Qorti ser taghmel is-segwenti kostatazzjonijiet:**

Fit-trattazzjoni inghad li l-bitha in mertu kienet tmiss minn naha mar-razzett tal-familja Mizzi u fuq in-naha l-ohra mal-bini ta' terzi fejn, kien hemm hajt divizorju li jaqsam mal-proprjeta` -hajt divizorju li ma kien fih l-ebda twieqi u l-ebda bibien li jaghtu ghal fuq il-bitha. Il-bitha kienet tinghalaq b' *gate* li eventwalment zdinga u tnehha u filwaqt li t-tarf l-iehor kien minn dejjem maghluq sakemm twaqqa' l-hajt .

Il-bitha in kwistjoni tirrizulta li ghadha l-proprjeta' privata tar-rikorrenti. Dwar dan ma hemmx dubbju. Isegwi li l-ebda awtorita' pubblika ma tista' tuzurpa l-proprjeta' tal-individwu minghajr kumpens u minghajr ma jsiru l-proceduri previsti bil-Ligi ghall-akkwist *third party expropriation tramite* d-Dipartiment tal-Artijiet. Fil-kaz odjern, l-bitha hija biss skemata. B'konsegwenza ta' dan, jibqghu impregiudikati d-drittijiet tas-sidien, ir-rikorrenti odjerni fuq il-proprjeta' taghhom.

Fost dawn il-jeddijiet, hemm il-jedd li jagixxu kontra l-uzurpazzjoni, spoll, jew invazjoni tal-proprjeta' taghhom bhal ma gara fil-kaz odjern bit-twaqqiegh tal-hajt li kien jifred il-bitha mit-triq, u bit-twahhil ta' *cameras*. Dawn il-jeddijiet mhumiex, kif donnhom jikkontendu l-intimati, riducibbli biss ghall-jedd ta' kumpens ghaliex is-sid ghandu d-dritt li jkompli jgawdi l-beni tieghu minghajr indhil sakemm dan il-jedd jittiehed b'mezzi legali. *Inoltre* jekk hemm dritt ta' kumpens, dan jissussisti fil-konfront tal-Awtorita' li tesproprja l-art u certament ma tillimitax il-jeddijiet tas-sidien li jirrivendika l-proprjeta' tieghu kontra l-privat sakemm il-process ta' tehid jigi kompletat.

Fit-trattazzjoni l-abbli difensur tar-rikorrenti sostna li l-mandat ser jigi segwit bl-*actio manutentionis.* Dan hu fost wiehed mill-azzjonijiet legali spettanti lis-sid biex jikkawtela l-jeddijiet usurpati. Sakemm ma ssirx l-esproprjazzjoni, l-art tibqa' tas-sidien li jistghu jagixxu bil-mezzi kollha li ttihom il-Ligi in kawtela tal-jedd taghhom. Isegwi wkoll li jekk it-talba

odjerna ma tigix akkolta, l-istess sidien ma jkunux fi grad izjed li jipprosegwu b'din l-azzjoni. Huwa minnu li l-art hija skemata biex issir triq izda sallum, mhix triq pubblika.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti hi tal-fehma f'dak li jikkoncerna l-intimati Diacono, li r-rikorrenti irnexxielhom jippruvaw mhux biss jedd *prima facie* imma anke l-irrimedjabbilita' tal-pregiudizzju li jistghu jsofru jekk dan il-mandat ma jigix akkolt u ser tghaddi biex tilqa' t-talbiet fil-konfront tal-istess intimati.

Madanakollu din il-Qorti trid taghmel distinzjoni bejn l-intimati Diacono u l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta. L-Awtorita' hija entita pubblika fdata bir-responsabbilta' ta' bini u manutenzjoni ta' toroq kemm pubblici kif ukoll privati. L-asfaltar u bini tat-toroq privati fih innifsu mhuwiex att ta' esproprjazzjoni imma johloq obbligu fuq is-sidien ta' proprjeta' li taghti ghal fuq it-triq li jhallsu l-ispejjez tax-xoghlijiet.

Skont **ir-regolament 15 tal- L.S.499.57**[5] "*L-Awtorità tista', f'kull zmien, taghmel jew tara li ssir jew tippermetti li ssir f'kull jew taht kull triq privata, kull xorta ta' xoghol illi jkun jidhrilha mehtieg jew utli fl-interess pubbliku*"

**Skont ir-regolament 18** "*Is-sidien ta' kull proprjetà li tmiss direttament ma' triq privata jew il-persuni li jkollhom dik il-proprjetà b'enfitewsi, jitqiesu, ghall-fini ta' din it-Taqsima, li huma l-persuni li fethu dik it-triq u li huma s-sidien taghha*..."

Johrog car li r-regolamenti ma joholqux jedd ta' proprjeta' favur terzi li mhumiex is-sidien, imma semplicement jirregolaw il-procedura ghall-

[5] L.N. 29 tas-sena 2010 kif sussegwentement emmendat.

kostruzzjoni u manutenzjoni ta' toroq privati u ghar-rimbors tan-nefqa pubblika.

L-artikolu 873(3) hu tassattiv meta l-intimat jkun awtorita' pubblika bhal ma hu fil-kaz odjern. Waqt it-trattazzjoni r-rapprezentant legali tal-Awtorita' *tramite* d-difensur tieghu kkonferma li l-Awtorita' ser tkompli bix-xoghlijiet jekk il-mandat odjern ma jigix milhuq. Madanakollu din il-Qorti ghandha tikkonsidra jekk il-pregudizzju li jinħoloq ghar-rikorrenti ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaga li qed tintalab li tigi mizmuma.

Fil-fehma tal-Qorti dan mhuwiex il-kaz ghaliex ir-rikorrenti huma obbligati skont il-Ligi li jzommu t-triq privata fi stat tajjeb ta' tiswija b'mod li jissodisfa lill-Awtorità. (**Reg.17**). Ix-xogholiijiet li jistghu jitwettqu mill-Awtorita' fl-ahhar mill-ahhar ser ikunu ta' vantagg u beneficcju ghall-istess rikorrenti.

Il-Qorti tippreciza li dawn ix-xoghlijiet ma jiddependux mill-fatt li twaqqa' l-hajt in mertu tant li jistghu jsiru anke jekk il-hajt jerga' jittella'. L-Awtorita' mhix qed tippretendi li l-bitha saret triq pubblika.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, wara li rat l-atti kollha relattivi, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tillibera lill-intimat Kummissarju tal-Artijiet mill-osservanza tal-gudizzju **tilqa'** l-eccezzjonijiet tal-intimata Awtorita' Ghat-Trasport f'Malta, u, billi jirrizultalha li gie ppruvat *prima facie* d-dritt vantat mir-rikorrenti u li wkoll jezistu l-elementi necessarji

ghall-hrug tal-Mandat ta’ Inibizzjoni kontra l-intimati Diacono ghalhekk **tilqa’ t-talba** kif dedotta ghall-hrug tal-Mandat ta’ Inibizzjoni fil-konfront tal-intimati Lourdes Diacono, George Diacono u Redeemer Diacono .

L-ispejjez jithallsu mill-intimati Lourdes Diacono, George Diacono u Redeemer Diacono *in solidum* bejniethom hlief ghall-ispejjez tal-intimati Kummissarju tal-Artijiet u tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta li ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.

**Degretat.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------